MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 93/2011

**A B**

**vs**

**1) C D**
**2) E D F**
**3) Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**
**4) Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan li b'digriet tal-11 ta' April, 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati saiex jirrapprezentaw lit-tifla minuri G H D F u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2011 il-Qorti irrevokat contrario imperio id-digriet taghha tal-11 ta' April 2011 li permezz tieghu gew innominati bhala kuraturi deputati Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan u minflok E F giet nominata bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lit-tifla minuri G H D F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1) Illi fl-erba` (4) ta’ Frar tas-sena elfejn u hdax (2011), il-konvenuta E D F weldet tarbija bl-isem ta’ G H D F, li f’din il-kawza ser tkun debitament rapprezentata minn Kuraturi Deputati;

2) Illi fl-atti tat-Twelid tal-minuri odjerna li jgib in-numru progressiv hames mija tnejn u sebghin (572) tas-sena elfejn u hdax (2011), hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’, il-missier ta’ din it-tarbija gie indikat li huwa l-konvenut C D, li huwa r-ragel tal-konvenuta E D F;

3) Illi l-konvenuti C D u E D F qieghdin fi proceduri ta’ separazzjoni personali u ilhom *de facto* separati ghal dawn l-ahhar tlett snin u nofs;

4) Illi a skans ta’ telf ta’ zmien, qabel ma giet istitwita din il-kawza l-attur A B bi qbil mal-konvenuti C D u Filipna D F ftehemu li jsir test xjentifiku *ex parte* sabiex jigi determinat il-paternita` tat-tarbija odjerna;

5) Illi l-partijiet inkarigaw lid-ditta MLSb*io*DNA Limited ghal dan il-ghan, u sussegwentement gie rilaxxat rapport xjentifiku minn Dr Marisa Cassar PhD in propozitu, hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘B’, li jindika li missier it-tarbija huwa proprju l-attur A B;

6) Illi l-attur A B, bhala missier il-minuri tat-tifla G H D F, ghandu dritt u l-interess illi jigi dikjarat li huwa l-missier

naturali tat-tifla in kwistjoni u li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-Twelid ta' din it-tarbija biex jigi rifless illi huwa l-missier taghha;

7) Illi l-attur jaf b'dawn il-fatti kollha personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, qed jitlob li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi :

a) Tiddikjara li t-tifla G H D F hija l-wild naturali u biologiku tal-attur A B u mhux tal-konvenut C D;

b) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex in kwantu c-certifikat tat-Twelid ta' G H D F bin-numru progressiv hames mija tnejn u sebghin (572), tas-sena elfejn u hdax (2011), kull referenza li hemm ghal C D bhala missier l-imsemmija tarbija tigi mhassra u senjatament jigu mhassra l-kliem kollha li hemm fl-istess certifikat taht il-kolonna "*Tgharif dwar Missier it-tarbija*" u minflok jidhlu s-segwenti, u cioe';

(i) taht is-sub-kolonna "*Isem u kunjom*" jidhlu l-kliem "*A B*";
(ii) taht is-sub-kolonna "*Id-dokument ta' l-identita*" jidhlu l-kliem u n-numri "*242400L – Maltese ID Card Number*";
(iii) taht is-sub-kolonna "*Eta`*" jidhol in-numru "*31*";
(iv) taht is-sub-kolonna "*Fejn Twieldu*" jidhlu l-kliem "*Nocton, Linconshire, England";*
(v) taht is-sub-kolonna "*Fejn Joqghodu*" tidhol il-kelma "*H'Attard, Malta*"; u
(vi) taht is-sub-kolonna "*Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet*" jidhlu l-kliem "*Graham B* (*alive*)".

Dan oltre korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista’ jkun hemm bzonn fic-citat att tat-Twelid.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri G H D F, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri G H, l-intimata E D F kienet wettqet adulterju mal-attur A B u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tal-intimata C D bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri G H, u dan *ai termini* tal-**artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta’ stat tal-minuri G H D F ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

4. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem C James D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 572 tas-sena 2011;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat it-twegiba mahlufa tal-konvenuti kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jwiegbu aktar ‘il quddiem;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati;

Rat in-nota konguntiva tal-konvenuta E F u tal-konvenut C D tas-16 ta’ Gunju 2011 li permezz taghha taw ruhhom b’notifikati bir-rikors guramentat u bl-atti kollha u infurmaw lill-Qorti li huma qed jammettu t-talbiet attrici ghal kollox u minghajr ebda kondizzjoni a tenur tal-Artiklu 158 (2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, kapitlu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll jipprezentaw l-affidavits taghhom stess sabiex iservu bhala prova fil-kawza odjerna;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Ottubru 2011 illi permezz tieghu laqghat it-talba tal-konvenuta E F u irrevokat ‘contrario imperio’ id-digriet taghha tal-11 ta’ April, 2011 li permezz tieghu gew nominati il-kuraturi deputati l-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u il-Prokuratur Legali Davina Sullivan, u minflok il-Qorti allura innominat lil E F bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta l-interessi tat-tifla taghha minuri G H D F.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011 illi permezz tieghu il-Qorti giet infurmata illi Dr Geoffrey Vella ghall-konvenut C D u ghall-konvenuta E F ma kellu l-ebda problema fir-rigward tal-awtenticita tar-rapport xjentifiku rilaxxjat minn Dr Marisa Cassar, ma kellu l-ebda provi ulterjuri xi iressaq u ghalhekk il-partijiet qablu illi l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-kawza odjerna saret sabiex il-minuri G H D F tigi dikjarata bhala il-wirt naturali u biologiku ta' l-attur A B u mhux tal-konvenut C D u ghalhekk sabiex il-Qorti konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel it-tibdiliet necessarji fic-certifikat tat-twelid ta' G H D F.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ir-rapport xjentifiku mahrug minn Dr Marisa Cassar, liema rapport jinsab esebit a fol. 19 u 20 tal-process, fejn Dr Cassar waslet ghall-konkluzzjoni illi effettivament il-minuri G H D F hija il-wild biologiku u naturali ta' l-attur A B.

Illi l-Qorti rat illi l-istess A B xehed illi huwa il-missier biologiku tat-tarbija G H D F. Huwa xehed illi iltaqa ma E D F ghall-habta ta' Novembru tas-sena 2009, ill kienet ilha de facto separata minn ma zewgha C D mill-4 ta' Frar ta' dik is-sena. Huwa xehed illi beda johrog ma E fit-28 ta' Novembru 2009. Ghall-ahhar ta' Jannar tas-sena 2010 kien mar jghix maghha, komplew bir-relazzjoni taghhom u lejn il-bidu ta' Gunju tas-sena 2010, E D F kienet qaltlu li hareg tqila u f'Dicembru ta' dik l-istess sena saru jafu li kien ser ikollhom tifla illi twieldet fl-4 ta' Frar 2011 u

issemmiet G H D F.  Effettivament sar it-test xjentifiku u gie determinat illi huwa il-missier naturali u biologiku ta’ l-imsemmija minorenni.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xiehda ta’ C D illi xehed illi huwa issepara minn ma E D F u erba’ xhur wara illi kienu bdew il-proceduri ta’ separazzjoni huwa kien beda johrog ma xi haddiehor.  Huwa xehed illi jaf illi E D F kienet bdiet relazzjoni ma A B u minn din ir-relazzjoni kellhom tarbija bl-isem ta’ G H D F li twieldet fi Frar 2011.  Huwa xehed illi qatt ma kellu dubju illi din it-tifla ma kienitx it-tifla tieghu peress illi minn meta inbdew il-proceduri ta’ separazzjoni fi Frar 2009 hu qatt ma aktar kellu relazzjonijiet sesswali ma E D F.

Ikkunsidrat :

Illi E D F ukoll xehdet illi kienet bdiet proceduri ta’ separazzjoni f’Jannar 2009 minn ma zewgha u qatt ma kellha aktar relazzjonijiet sesswali ma zewgha.  Hija iltaqghet ma A B f’Novembru 2009, bdiet tghix mieghu f’Jannar 2010 u bdew jipjanaw illi jkollhom tarbija u effettivament kellhom tarbija illi twielditilhom fi Frar 2011 u li issemmiet G H D F.  E D F ukoll irreferiet ghar-rapport xjentifiku iffirmat minn Dr Marisa Cassar illi juri illi A B huwa il-missier naturali u biologiku ta’ l-istess minorrenni.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti semghet ix-xhieda prodotti u ezaminat ir-rapport xjentifiku mahrug minn Dr Marisa Cassar u rat ukoll in-nota konguntiva ta’ E F u ta’ C D fejn ammettew it-talbiet kollha attrici.  Ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jigu kollha michuda.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku hlief ghar-raba eccezzjoni illi qeghda tigi milqugha, tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara illi t-tifla G H D

F hija l-wild naturali u biologiku tal-attur A B u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex in kwantu ic-certifikat tat-twelid ta’ G H D F bin-numru 572/2011 kull referenza li hemm ghal C D bhala missier l-imsemmija tarbija tigi mhassra u senjatament jigu mhassra l-kliem kollha li hemm fl-istess certifikat taht il-kolonna “*Tgharif dwar Missier it-tarbija*” u minflok jidhlu s-segwenti, u cioe’ :

(a) taht is-sub-kolonna “*Isem u kunjom*” jidhlu l-kliem “*A B*”;
(b) taht is-sub-kolonna “*Id-dokument ta’ l-identita*” jidhlu l-kliem u n-numri “*242400L – Maltese ID Card Number*”;
(c) taht is-sub-kolonna “*Eta`*” jidhol in-numru “*31*”;
(d) taht is-sub-kolonna “*Fejn Twieldu”* jidhlu l-kliem “*Nocton, Linconshire, England”;*
(e) taht is-sub-kolonna “*Fejn Joqghodu*” tidhol il-kelma “*H’Attard, Malta*”; u
(f) taht is-sub-kolonna “*Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet*” jidhlu l-kliem “*Graham B* (*alive*)”.

Il-Qorti tordna ukoll illi l-kliem ‘*the said*’ illi jinsabu qabel isem C James D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu ukoll ikkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 572 tas-sena 2011; Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------